# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 17

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

It-Tnejn 27 ta' Frar, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Maragreth Baldacchiono Cefai.

17.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri b'mod unanimu.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 16 li nżammet nhar it-Tlieta 24 ta ta' Jannar 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

17.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech.

## 17.3 Komunikazzjoni mill-President

17.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mingħand il-President.

## 17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

17.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 17.5 Rapporti

17.5.1 Il-President informa lill-membri kif ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentant f'din il-laqgħa.

## 17.6 Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku tar-Reġjun Lvant

17.6.1 Il-President għamel referenza għal laqgħa li nżammet nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2023 inżammet laqgħa mid-Diviżjoni mal-President tal-Kunsilli Reġjonali bi preparazzjoni għall-laqgħa li nżammu matul il-ġimgħa ta' wara bejn id-Diviżjoni, u l-Kuntrattur. Din il-laqgħa nżammet nhar il-Ħamis 1 ta' Frar 2023 fejn għalija kien hemm preżenti is-Segretarju Permanenti, Joyce Dimech, id-Direttur s-Sur Chris Galea, is-Sur Mario Fava, is-Sur Ramon Deguara mill-CSD flimkien miegħu bħala President, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u l-Maniġer tal-Waste, Ryan Zammit, kif ukoll il-kuntrattur Chris Galea flimkien ma' l-avukat tiegħu.

17.6.2 Il-President għamel referenza għall-laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2023 dwar il-proċess ta' ħlas fis-sala ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa kienu mistidnin il-Kunsilli Lokali kollha u l-President irrimarka kif kien hemm attendenza tajba minn dan ir-Reġjun.

17.6.3 Hu żied jgħid ukoll kif aktar tard filgħaxija fl-istess ġurnata, dan ir-Reġjun kien skeda laqgħa dwar dan is-suġġett minn dan ir-Reġjun sabiex jiġu diskussa xi problemi eżistenti fil-lokalitaijiet u kemm jistà jkun dan is-suġġett ma jerġax jiġi diskuss fit-tul waqt laqgħa tar-Reġjun.

17.6.4 Is-Sur Chircop spejag kif għal din il-laqgħa kien hemm attendenza tajba ħafna u kif ġew innutati diversi punti li tqajmu minn dawk preżenti. Hu żied jgħid kif qed jiġi ppreparat dokument b'dawn il-punti sabiex jiġu ppreżentata lid-Diviżjoni.

17.6.5 *17:41pm – Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, wasal għal din il-laqgħa.*

17.6.6 Inżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti fuq dan is-suġġett.

## 17.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Clerk mal-Kunsill Reġjonali Lvant*

17.7.1 Il-President informa lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Jobsplus u lid-Diviżjoni dwar id-deċiżjoni li ttieħdet fuq l-intervisti li kienu nżammu għal din il-pożizzjoni.

17.7.2 Is-Sur Chircop spjega kif malli l-uffiċċju ngħata l-approvazzjoni biex din is-sejħa toħroġ esternament, is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet din is-sejħa u ġiet mgħaluqa nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2023.

17.7.3 Ġie deċiż sabiex dawn l-intervisti jinżammu nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu 2023 mill-11 'l quddiem ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun. Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Uffiċjali Reġjonali*

17.7.4 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni Lokali, is-Sur Natalino Attard, sabiex ir-Reġjuni joħorġu s-sejħa esterna tal-kumplament tal-maniġers li kienu għadhom vakanti ħlief dik tal-Uffiċjal tal-Kultura.

17.7.5 Is-Sur Chircop żied jgħid kif il-lista bl-applikanti eleġibbli għal Maniġer tal-Kultura waslet għand dan ir-Reġjun nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2023 u s-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk dawn l-applikanti xtaqux jattendu intervista. Peress li waħda mit-tliet applikanti uriet l-interess, il-bord kompost mill-President flimkien mas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2023.

17.7.6 Il-President informa lill-membri kif il-bord kien qed jirrakomondata għall-approvazzjoni li tiġi maħtura s-Sa Marcon Borg Caruana.

17.7.7 Is-Sur Chircop żied jgħid li jekk din il-persuna ma taċċettax din il-pożizzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-Diviżjoni u lil-Jobsplus dwar dan sabiex tibda l-proċess minn dan ir-Reġjun għal din is-sejħa.

17.7.8 Il-membri preżenti approvaw id-deċiżjoni tal-bord.

17.7.9 Il-President informa wkoll kif is-Segretarju Eżekuttiv bdiet taħdem fuq is-sejħa taż-żewġ maniġers – Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali u Uffiċjal Reġjonali ta' l-IT. Fuq l-approvazzjoni tad-Diviżjoni kif ukoll tal-Jobsplus, din is-sejħa ġiet ikkomunikata mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2023. Din is-sejħa tagħlaq nhar il-Ħamis 9 ta' Marzu 2023.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

17.7.9 B'referenza għal din is-sejħa, il-President spjega kif peress li ma kien hemm ebda applikazzjoni mis-sejħa tal-Jobsplus sa nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2023, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Jobsplus dwar dan u ġiet mgħotija l-approvazzjoni sabiex tinħareġ is-sejħa esternament. Għal din ir-raġuni, din is-sejħa hija skedata li tiġi ppublikata għada, it-Tlieta 28 ta' Frar 2023. Jekk ikun hemm applikazzjonijiet sad-data ta' l-għeluq, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tinforma lill-bord sabiex jiltaqgħu u jsiru l-intervisti.

17.7.10 Aġġornament dwar din il-pożizzjoni ser tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss

- *Accounts Officer (Scale 11 – Full Time)*

17.7.11 B'referenza għal din is-sejħa, is-Sur Chircop spjega kif peress li ma kien hemm ebda applikazzjoni mis-sejħa interna, Jobsplus provdew lista ta' applikanti elegibbli lil dan ir-Reġjun u taw l-awtorizzazzjoni sabiex din is-sejħa tinħareġ b'mod estern.

17.7.12 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni din is-sejħa ġiet ippublikata u data ta' l-għeluq kienet sa nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2023.

17.7.13 Aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 17.8 Reġjun tal-Kultura 2024

17.8.1 Il-President għamel referenza għal dan it-titlu li ser ikun qed jingħata lil dan ir-Reġjun fis-sena 2024.

17.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li għandhu jinħatar bord sabiex jgħin fit-tfassil ta' dan il-programm.

17.8.3 Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, irrakomandat lill-Kunsillier Paul Fenech li għandhu esperjenza f'dan il-qasam.

17.8.4 Kien hemm ftehim bejn il-membri sabiex il-membri fuq dan il-bord ma jkunx hemm għalfejn ikunu Kunsilliera jew Sindku imma l-importanti li jkunu ntiżi fuq dan is-suġġett.

17.8.5 Il-President fakkar lill-membri li ma' dan it-titlu hemm marbut fondi sabiex dawn l-avvenimenti jiġu mwettqa.

17.8.6 Saret diskussjoni dwar dan u kien qbil bejn il-membri sabiex is-Segretarju Eżekuttiv iġġib aktar informazzjoni dwar dan it-titlu u dwar l-irwol ta' l-*Artistic Director* mill-Arts Council Malta.

17.8.7 Il-President fakkar lill-membri bl-idea li jerġa jiġi ppublikat ktieb fuq ir-Reġjun kif inhu kompost fl-aħħar riforma. Dan ikun jistà jiġi ppreżentat kull darba li jkun hemm żjara.

17.8.8 Is-Sur Chircop qal kif għandu jiġi ngaġġat fotografu professjonali li jkun mimli ritratti fuq il-lokalità

17.8.9 Is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, issuġġerixxa li jiġi ppublikat ktieb minn kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

17.8.10 Il-President fakkar ukoll fi proġett li qed jiġi ppreparat – Regional Cultural Passport – li ser ikun qed jiġi ffinalizzat u ppreparat fi ftit ġimgħat oħra.

17.8.11 Is-Sur Chircop qal ukoll li l-informazzjoni għal dan il-proġett ser tkun qed tintbagħat dirett lill-Kunsill Lokali u jingħataw ftit ġranet sabiex jivverfikaw l-informazzjoni li tkun ser tintuża. Jekk ma jkunx hemm risposta mingħand il-Kunsill Lokali sad-data stipulata.

17.8.12 ***18:30hrs – il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 17.9 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex*

17.9.1 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva l-ewwel pagament marbut ma' din l-iskema nhar il-25 ta' Jannar 2023.

17.9.2 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri preżenti sabiex jieħdu nota tal-komunikazzjoni li kienet intbagħtet mill-uffiċjal ta' l-ambjent dwar dan u jaraw li d-dokumenti mitluba jaslu sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2023.

- *Xiri tal-magni AEDs*

17.9.3 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2023 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand l-AKL fejn kienet qed issir talba lis-Sa Joyce Dimech sabiex l-AKL toħroġ is-sejħa sabiex jinxtraw l-AEDs. Dan ir-Reġjun ser ikun qed jixtri 12-il AED sabiex tingħata waħda lil kull Kunsill Lokali.

17.9.4 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif il-Kunsilli ser ikunu aġġornata ġaladarba jkun hemm riżultat.

- *Bord tal-Finanzi*

17.9.5 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet minn dawn il-bord fl-uffiċċju nhar il-Ġimgħa 3 ta Frar 2023.

17.9.6 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda dokument dwar kif ser ikunu qed jiġi mqassma fondi sabiex jinżammu avvenimenti mill-Kunsilli Lokali flimkien mar-Reġjun.

17.9.7 Il-President xtaq iżid rakomandazzjoni li kellu ftit qabel il-laqgħa tar-Reġjun fejn ġie proposta li taħt punt numru 3, fejn il-Kunsill jistà jutilizza parti minn dawn il-fondi sabiex il-Kunsill Lokali jkun jistà jħallas il-miżati tal-periti li jkun hemm bżonn fl-applikazzjonijiet tal-fond għall-ippjanar tal-iżvilupp kif ukoll għal Project Green.

17.9.8 Il-membri preżenti approvaw dan id-dokument b'mod unanimu.

17.9.9 ***19:17pm – is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, skuża ruħu minn din il-laqgħa minħabba impenji oħra.***

- *Cir AKL 2023/014 ECAD Membership 2023*

17.9.10 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President informa lill-membri kif dan il-ħlas għal din il-membership kien ġie mħallas is-sena li għaddiet u kienet qed terġa tiġi mressqa din it-talba sabiex jiġi deċiż jekk dan il-ħlas hux ser jerġa jsir għal sena oħra.

17.9.11 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu sabiex ir-Reġjun imexxi bil-ħlas ta' €3,250.

- *Association of Cities and Regions for Sustainable Resource Management (ACR+)*

17.9.12 B'referenza għal din is-sħubija, il-President spjega kif dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokaloi (AKL) sabiex jerġa jiġi mħallas din is-sħubija għas-sena 2023. Il-ħlas huwa ta' €2,770.00.

17.9.13 ***19:30pm – Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.***

17.9.14 Il-President żied jgħid kif dan ir-Reġjun kien ġie infurmat mill-ACR+ li ser tkun qed tinżamm assemblea Ġenerali bejn il-31 ta' Mejju 2023 u 1 ta' Ġunju ġewwa Dublin u peress li s-suġġett huwa dwar l-iskart, hemm il-ħsieb li hu bħala President, flimkien mal-Maniġer tal-iskart, Ryan Zammit, jattendu għal din il-laqgħa.

17.9.15 ***19:49pm – is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

- *Skola Sport*

17.9.16 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun irċieva talba mingħand l-iskola nazzjonali ta' l-isport ġewwa Pembroke sabiex jgħin fil-*Fun Run* li ser tinżamm nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu 2023 bejn l-10am u nofsinhar sabiex jinġabru fondi għal Puttinu.

17.9.17 Is-Sur Chircop qal kif din l-iskola qed titlob sabiex tiġi mħalsa l-insurance ta' €449 u ambulanza ta' €90.

17.9.18 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex dan il-ħlas isir peress li kien għan filantropiku.

- *Fond għall-ippjanar tal-iżvilupp*

17.9.19 B'referenza għal dan il-fond il-President spjega kif fuq talbla mill-membri f'laqgħa preċedenti tar-Reġjun, inżammet laqgħa nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 ma' l-Onor. Stefan Zrinzo sabiex jiġi diskuss il-ħlas li kull Kunsill Lokali jrid iħallas meta jkun hemm xogħol ta' perit sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni taħt dan il-fond.

17.9.20 Il-President spjega kif il-Ministru offra lill-Kunsilli Lokali sabiex javvinċawh fuq proġetti fejn għandhom bżonn l-għajnuna sabiex parti mill-għajnuna tkun tistà tingħata mill-Public Works.

- *BOLT*

17.9.21 Il-President spjega kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' rappreżentanta minn Bolt, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2023, dwar is-servizz tagħhom.

17.9.22 Wara spjegazzjoni qasira dwar dan li kien qed jiġi offrut lir-Reġjun kif ukoll lill-Kunsilli Lokali, is-Sur Chircop spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tibgħat emejl bil-kuntatt tas-Sa Bonnici flimkien ma xi informazzjoni oħra sabiex dawk interessati li jgħamlu użu minn dan is-servizz għandhom jgħamlu kuntatt mas-Sa Bonnici dirett sad-data stipulata.

- *Social Impact Assessment*

17.9.23 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Fava, dwar dan l-istudju li r-Reġjun huwa obligat li jgħamel bil-liġi.

17.9.24 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sur Fava bagħat kopja ta' kif is-sejħa għandha tkun maħruġa mill-Kunsill Reġjonali.

17.9.25 Inżammet diskussjoni dwar dan bejn il-membri preżenti u kien hemm qbil sabiex tintalab laqgħa mal-Profs. Azzopardi sabiex dan l-istudju jiġi diskuss aktar fid-dettal.

- *Rotta Dei Fenici*

17.9.26 Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2023, jiena flimkien ma Jeanette attendejna għall-laqgħa li ġiet imsejħa mill-uffiċċjal kulturali tar-Reġjun tal-Punent sabiex jaraw jekk bħala Reġjun inkunux interessati li nidħlu sħab magħhom u l-kumplament tar-Reġjuni għal dan il-proġett.

- *Eżebizzjoni – Art for All*

17.9.27 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar l-avveniment li kien ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2023 ġewwa Palazzo Ferreria, il-Belt.

17.9.28 Is-Sur Chircop ressaq proposta sabiex dan il-proġett jerġa jinżamm matul din is-sena wkoll. Dwar dan ser tinżamm laqgħa skedata mal-Ministru Michael Falzon sabiex ningħataw għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett.

17.9.29 Il-membri preżenti approvaw sabiex dan il-progett jerġa jinżamm u aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Proposta – 'Have a Ball'*

17.9.30 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta li ġiet imressqa mis-Sur Ryan Galea u ta spjegazzjoni dwar an il-proġett li jittratta l-isports u jkun proġett tajjeb għat-tfal ta bejn is-6 u l-10 snin fi ħdan ir-Reġjun peress li matul din is-sena r-Reġjun huwa r-Reġjun Ewropew ta' l-isports.

17.9.31 Il-President żied jgħid kif din il-prosposta ser tkun qed tiġi mressqa quddiem il-Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, peress li s-suġġett huwa sports u huwa edukattiv.

17.9.32 Il-membri approvaw dan il-proġett u aġġornament dwar din il-laqgħa mal-Ministru kkonċernat għandha tingħata wara li tkun inżammet.

- *Kuntratt tal-Kiri - Printer*

17.9.33 Il-President informa lill-membri dwar printer li hemm bżonn li tiġi mikrija fl-uffiċċju tat-Tribunal Lokali u ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet.

17.9.34 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn ofici.

- *Rimborż għall-ispejjeż marbuta mat-Tribunal Lokali*

17.9.35 B'referenza għal dan, il-President informa lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv talbet tistaqsi dwar il-ħlas mis-sena 2022 'il quddiem peress li l-kuntratt li kien sar kif jindika għall-perjodu sa' l-2021.

17.9.36 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sur Flores informa lil dan ir-Reġjun kif fil-preżent għaddejjin b'diskussjonijiet intraministerjali u ser inkunu qed ningħataw direzzjoni ġaladarba jkun hemm qbil.

- *Unleashing innovation in Local Communities*

17.9.37 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2023 mas-Sur Joseph Woods.

17.9.38 Is-Sur Chircop spejga kif f'din il-laqgħa s-Sur Woods ressaq proposta bi proġett fejn il-ħlas għal kull parteċipant huwa ta' €80.

17.9.39 Is-Sur Chircop issuġġerixxa sabiex dan il-kors jiġi offrut lill-Kunsilli Lokali u jekk ikun hemm pateċipanti addizzjonijali, dan il-ħlas għandu jsir mill-Kunsill Lokali rispettiv. SKond ir-rispons minn din is-sejħa, jekk r-Reġjun jara li l-interess huwa baxx, din is-sejħa ser tkun qed tinfetaħ għall-NGOs fi ħdan ir-Reġjun.

- *Sejħa ta' offerti*

17.9.40 Il-President talab lill-membri sabiex jiġi deċiż bord ta' evalwaturi sabiex meta jinħarġu s-sejhiet pendenti

17.9.41 Kien hemm qbil sabiex il-bord ta' l-evalwaturi għandhu jkun kompost mill-President flimkien mas-Sur John Pillow, is-Sa Zoya Attard, u s-Sa Margaret Baldacchino Cefai.

- *Accessibility Audit tal-Bankini*

17.9.42 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2023 mingħand is-Sur Simon Agius fejn l-2022 tnediet Proposta tal-Manifest Elettorali 961 – "Irridu naraw li l-infrastruttura fil-lokalitajiet tagħna hija sigura biżżejjed għall-mixi. L-awtoritajiet ikkonċernati u l-kunsilli lokali ser iwettqu proġett pilota maħsub li jagħmel accessibility audit tal-bankini. Il-konklużjonijiet ta' dan l-eżerċizzju jintużaw sabiex jitwessgħu, isiru tiswijiet jew jinbnew bankini ġodda".

17.9.43 Is-Sur Chircop żied jgħid kif l-Uffiċjal ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, kienet bagħtet komunikazzjoni dwar dan sabiex tingabar l-informazzjoni meħtieġa u talab lill-membri preżenti sabiex jieħdu ħsieb jaraw li tingħata risposta sad-data stipulata.

- *Kompetizzjoni tal-Għid*

17.9.44 Il-President informa lill-membri kif fit-8 ta' Marzu 2023 dan ir-Reġjun ser ikun qed jippubblika din il-kompetizzjoni wara s-suċċess li kien hemm għall-ewwel darba s-sena l-oħra.

17.9.45 Hu spjega kif din il-kompetizzjoni ser tkun qed tkun miftuħa għal kulħadd u biex jippartecipa wieħed jipparteċipa jrid joħloq artiġjanat jew arti relatati mal-Għid bl-użu ta' materjal riċiklat biex ikun fiċ-ċans li jirbaħ premjijiet minn Lechuza Malta, Esplora, National Aquarium, u Merlin Library.

17.9.46 Is-Sur Chircop irringrazzja lil dawn l-isponsors għal dawn il-premijiet sbieħ li ser ikun qed jingħataw.

- *Kunsill Lokali Gżira*

17.9.47 Dott. Borg Manche talab permess lill-President sabiex iżid talba f'isem din il-lokalità.

17.9.48 Il-President aċċetta din it-talba.

17.9.49 Dott. Borg Manche talab lill-membri preżenti sabiex iressaq żewġ proġetti li jixtieq jgħamel fil-ġimgħat li ġejjin permezz tal-fondi li ma kienx ġew utilizżati fis-sena 2022. Hu talab sabiex mill-fond allokat sabiex jinżamm proġetti fil-lokalità, hu xtaqt li parti minnhom jintużaw sabiex jiġi tranġat bir li fih ikun jistà jinġabar l-ilma u jkun hemm sistema ta' irrigazzjoni ġo Sliema Road, tiġi msaqfa biċċa mill-bitħa li hemm fl-iskola tal-primarja sabiex ikunu jistgħu jinżammu xi avvenimenti anke mill-Kunsill Lokali għat-tfal, titella Jum il-Gżira, u jinżamm kunċert.

17.9.50 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talbiet imressqa b'mod unanimu.

## 17.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

17.10.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

17.10.2 Is-Sindku tal-Gżira, Dott Conrad Borg Manche, sekondat mill-Viċi Sindku tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 14A u 14B.

17.10.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 17.11 Mozzjonijiet

17.11.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 17.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

17.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' Marzu, 2023.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |